# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta'aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. | IT-TLIETA, l'EŨŨEL TA APRIL, 1913. | NRU. 59.

*Inbiercu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Hin tajjeb.

Xejn m'aħna sejjrin nghidu ġdid f'dan l'articlu, ghax cull-ma takraŭ haŭn illum krajtuħ diġà fil *Habib* darb'oħra, jecc mhux iżjed: imma bil Latin ighidu: *It-taghlima mtennija tisŭa.* U, billi ŭasal fukna il Cungress Eŭcaristicu—donnu ŭasal f'dakka, li, biex nghiduha chif inħossuha, chemm-chemm ma jidhrilniex li ghad m'aħniex mhejjijin ghaliħ biż-żejjed—jaħtieġ li narġghu nfaccru xi tŭiddib u xi xeŭkiet li fissirna ma tûl is-sena li ghaddiet, irridu nghidu mil Ghid ta kabel, mita Monsinjur Arci-Iskof ħabbar il Cungress b'*Pasturali* li inkrat fuk il Pulptu ta *San Ġŭann* u fil Cnejjes collha ta Malta, sa 'l Ghid li aħna fiħ issa. Iżda mhux fuk il Cungress bħala *Xhieda ta kima u imħabba lejn Gesù Sagramentat,* jigifieri fuk id-Devozzjonijet u il Festi li ghandhom isiru, irridu nitchellmu. Fuk daŭn ghedna ħafna: u sgur ħadd ma kâl actar minn'na. Illum irridu nghidu fuk dac li il Cungress igib mieghu u fuk chif ghandu igib-ruħu il Poplu, jecc, bħalma nittamaŭ, tigi haŭn cotra cbira ta Barranin minn cull daks u minn cull naħa tad-dinja.

Din il cotra ta nies iggib maħħha minn cull gid, jecc aħna incunu nafu nghożżuha.

Ŭara ir-Religjon tigi il Patrja: il klieħ jigi ŭara it-tnejn, ghal min ma ghandux reghba tant cbira ghad-dinja, li żakku u butu ibieghu ir-ruħu u il kalbu. Mela, l'eŭŭel gid li ghandna nistenneŭ mil Cungress (ŭara il kima taghna lejn il Cnisja Mkaddsa u ix-xhieda ta Fidi ħajja f'Gesù Cristu Sagramentat) icun dac li nuru x'aħna u min aħna. Kâlu minn collox fukna, minn xi snin il-haŭn, il gażetti ta bosta bliet cbar, mhux biss taljani u franċiżi, imma saħansitra ingliżi, li chien imisshom iżommuna bħal biċċa minnhom u jakbżu ghalina mita jokrosna ħadd-ieħor, ghax, ghad li m'aħniex ta li stess nisel, inbattu u inkimu li stess bandiera. Kâlu li aħna gharab, ta leŭn isŭed u bis-sarŭan; kâlu li aħna grixtin, ir-rgiel ta-kattghani u in-nisa ta ħajja ħażina; kâlu li aħna imniġġsin b'ħafna mard u maħmuġin, li fl'akŭa torok tal Belt jidhru il gzuz taż-żibel fin-nofs u l'art titkażżeż timxi fukha; kâlu li m'haŭnx ħlief Kassisin imceŭlħa u nies ħafjin......

Imm'issa, mita il bliet taghna u l'inħaŭi ta ma dŭarhom, chif ucoll ir-rħula sa geŭŭa il Mosta, icunu miż-ghudin bit-Taljani, bil Franċiżi, b'li Spanjoli, bit-Tedeschi, bil Belgjani, bl'Ingliżi ħoxnin u sa bl'Americani, bl'Aŭstraljani u bil Canadisi, tcun giet is-siegha taghna biex nuru lid-dinja li aħna ninsabu mżebelħin, jeŭ b'ghira, jeŭ b'mibeghda, jeŭ b'suppervja, jeŭ b'injuranza, ta daŭc collha li, ħutna fin-nisel jeŭ fil bandiera, ilhom is-snin jigdbu fukna. Nuru lid-dinja li aħna il-kuddiem daks ħadd-ieħor, li aħna irgiel tad-dehen u tal ħeġġa, li in-nisa taghna ħadd ma ighaddihom fl'onestà u fl'imgiba tajjba, chif ucoll fil ġmiel u fil ħleŭŭa; li aħna nies indaf, bieżlin, dħulin u f'saħħitna; li mhux biss il bliet, imma ir-rħula, sal actar ŭieħed imŭarrab, ibieghu l'indafa lil cull belt oħra ta daŭc il Barranin collha; f'chelma ŭaħda, li, daks chemm aħna Cattolici u miġbudin ghall Cnisja, daks hecc ieħor aħna *civili* u *educati.* Iżda jaħtieġ li it-tallaba ma jindafrux b'leħħa żejjda mal frustieri, li il bejjegha ta cull xorta ma idejjkux in-nies bil giri ŭarajhom, li tal-carozzini u tad-dghajjes ma jitkatghaŭx fuk xulxin u ma jincux il passiggieri, li fir-rassa ta daŭc il ktajja cbar il Maltin ma jimburdaŭx fuk il Barranin (anzi, fejn jistghu, jaghmlulhom il ŭisa, chif jixrak); u fuk-collox li f'daŭc il ġranet ma jidherx bniedem ħafi. Aħna, li tas-seŭ nħobbu il Pajjiżna, nixtieku b'kalbna collha li, f'daŭc il ġranet imkaddsa, Malta tghiddeb darba ghal dejjem l'eghdeŭŭa taħħa.

Il Cummmerċ jigi ŭaħdu, u icun Cummerċ cbir, u Cummerċ ghal cull-ħadd: ghax daŭc l'eluf ta nies, li iridu fejn jokoghdu ghal tmin ti jem jeŭ iżjed, u x'jieclu, u fukhiex jircbu bl'art u il baħar, u x'jixtru b'tifchira ta dic iż-żjara lill Gżejjer taghna, u min iservihom, u min idur bihom, u min jurihom, barra mix-xoghlijet cbar li diġà kieghdin isiru ghall Festi u fil ħafna lochijet li huma jithejjeŭ ghalihom, igibu tkankila ta klieħ li, ftit jeŭ ŭisk, tmiss lil cull-ħadd. Nistkarru li saritilna il ħsara: l'eŭŭel nett, minn daŭc li ħajjru il Pellegrinaġġi cbar biex jiġu fuk vapuri micrijin ghalihom u jibkghu jieclu u jorkdu fukhom; imbaghd, mix-xniegha li ħarget fl'akŭa gażetti tal Eŭropa, ghala-volja Cattolici, li m'haŭnx lucandi u postijet biż-żejjed ghall frustieri: u, fl'aħħar, mil gholi ta barra mit-triek li talbu ghall'eŭŭel xi sjed tal lucandi. Sar ucoll id-deni ghax min chellu id-dmir li jekred daŭn ix-xnieghat ħżiena, min messu ifittex jitfi daŭn il klajja, actarx miżrugha b'kerk cbir minn daŭc li m'humiex Cattolici jeŭ inseŭ li darba chienu tghammdu, f'lôc ma ħabrec biex actar ixerred cmieni l'aħbarijet taghna mad-dinja, tniccher ħafna. Imma, ghad li ghadha chemm ħarget issa l'aħbar sħiħa tal postijet li haŭn lesti biex jilkghu il *Cungressisti*—u aħna naħsbu li ma satax isir xort-oħra, chif ucoll naħsbu li mil Maltin ħadd ma ried jaghmel ghall aghar—bil ghajnuna t'Alla, nies icollna biż-żejjed: jecc mhux il ktajja tal-biża li chien hemm Vienna u Londra, (Malta ma-dan-collu inkas tista tesaħħom) nies biż-żejjed ghalina: u nies li jistghu jonfku u iħallu il gid ŭarajhom.

Actarx jidhrilcom li aħna mimlijin ŭisk bit-tâma: u *it-tâma,* ighid il Malti, *min jorbot fukha tkarrak biħ.* Imma il Malti ighid ucoll: *Mita hu ghall gid, in-nies tħassar u Alla iseŭŭi!*

X'jista icun ghall gid iżjed minn dan? Kima li ma bħalha lir-Religjon! Gieħ cbir lill Patrja! Riżk bla tarf lill Poplu!

## IL FRANGISCANI.

Fin-necrologija fuk ir-Rev: Patri Pietru (ghandu icun Pier Battista ghall kaddis ta dana l'isem, martri fil Ġappun, tal Alcantarini) Galea, li dehret fil *Habib* tal 11 ta Marzu, krajt li hu chien tal Frangiscani *Osservanti*. Imma ghad li bosta bakghu isejjħulhom hecc, *Ordni tal Frangiscani Osservanti* chien jinsab, iżda spiċċa: u dan li żball jidher ta spiss fuk il gażetti. Nghid żball mux biex nonkos mil kima lejn min chiteb hecc, jeŭ inchella biex innakkaslu il meritu tieghu, imma, billi dmir ta li Stampa hu dac li tghallem, ghalhecc rajt li hu xierak li napprofitta-ruħi minn żball biex nghid chelmtejn ta taghlim fuk l'*Ordni Frangiscan*, minghajr xejn ma nindaħal fi ħŭejjeġ li ma tul iż-żmien tant kanklu qŭestjonijet f'dana l'Ordni cbir u imkaddes.

San Frangisc t'Assisi semma l'Ordni minnu maħluk bl'isem ħafif ta *Ordni tal Minuri* (Ord. Fratum Minorum) fuk regula ta fakar cbir. Ma ghaddiex żmien ŭisk mil ħolkien ta dan l'Ordni, bosta minn uliedu riedu itaffu ftit mil ħruxija tar-regula u jieħdu xi privileġgi minn ghand il Papa; oħrajn, actarx il cotra il cbira, dehrilhom li dan m'ghandux isir, u minn haŭn ġara li l'*Ordni tal Minuri*, ghalchemm taħt General ŭieħed, inferak fi tnejn; l'Ordni ta daŭc li accettaŭ il privileġgi tal Papiet u xi ġid, imsejjaħ tal *Conventŭali*; u l'Ordni ta daŭc li riedu jibkghu fl'*osservanza* ħarxa tar-regula, imsejjaħ ghalhecc tal *Osservanti*. Li Storici ma jakblux flimchien meta seŭŭa u chif bdeŭ daŭn l'ismijet u jen ħsibt li icun aħjar inħalli fil genb il fehma tieghi, naħrab din il qŭistjoni u oħrajn bil biża li inkankal xi ghaidut u ġlied. Hu sgur li il Papa Leone X, bil bolla *Cum in honorem* u actar bl'oħra *Ite et vos*, ghakkad flimchien, fl'1517, tant frieghi li ħarġu sa żmienu minn dana l'Ordni, bħalma chienu l'*Amadei* il *Collettani*, il *Clareni*, l'*Evangelisti* (Patrijet tal Vanġelu), il *Villacreceni* (li minnhom ħareġ San Pietru Regalato) u frieghi oħra; u b'isem ŭieħed ta *Osservanti* tahom General ghalihom, chif ieħor ghalihom chellhom il *Conventŭali*. Minn haŭn bdiet il vera separazjoni u distinzjoni officjali tal Ordni il ŭieħed mill'ieħor.

Imma ghadda iż-żmien, u l'Ordni inferak fi frieghi oħra cbar u żghar: insibu ghalhecc, l'*Alcantarini* hecc imsejjħa minn San Pietru t'Alcantara, li ghalchemm ma chienx il veru fundatur taghhom, xerred u cabbar ferm din il fergha li żammitu dejjem b'missier u protettur taħħa, maghrufa ucoll bl'isem ta *Pasqualini*, ghal San Bascal Baylon, ŭieħed mill'akŭa kaddisin ta din il fergha; ir-*Riformati* li chellhom bi cbir propagatur taghhom il San Leonardo ta Portu Maŭrizju, minnhom miżmum bi protettur u missier taghhom; ir-*Recolletti* (mil chelma latina *recollecti*, jigifieri miġburin flimchien f'ħajja moħbija u penitenti) u'l *Capuccini*, li chellhom b'fondatur taghhom il Venerabbli Matteo de Bassi tal *Osservanti*, barra minn frieghi oħra ċchejcna.

Ŭara secoli, il Papa Leone XIII, devot cbir ta San Frangisc, imħajjar li jiġbor taħt standard ŭieħed tant Religjusi Frangiscani, bil Bolla *Felicitate quadam*, li ħareġ f'Ottubru 1897, ghakkad l'Ordnijet collha Frangiscani, barra mil *Conventŭali* u mil *Capuccini*, f'Ordni ŭieħed, sejjaħ f'lakgha is-Superiuri collha ta daŭn l'Ordnijet taħt it-tregija tal Cardinal Egidju Maŭri, Dumnican, u hecc ħalla tliet Ordnijet biss Frangiscani, li huma: *Conventŭali*, *Osservanti* (li biddlilhom l'isem u ħallielhom dac ta *Minuri* ŭaħdu), u *Capuccini*. Aħjar: *Ord: Fratrum Minorum Conventualium* (il Conventŭali), *Ord: Fratrum Minorum* (il Minuri, li chienu l'*Osservanti*), *Ord: Fratrum Minorum Capuccinorum* (il Capuccini). Lill General tal Minuri żammlu l'isem *ad honorem* ta Superiur tal Ordni collu (*totius*) tal Minuri, però minghajr ma icun jista jindaħal fil ħŭejjeġ tal Conventŭali u tal Capuccini. Akraŭ il Costituzjoni tal Papa fuk din l'*Unjoni* li tigi imsejjħa *Leonjana*.(*)

Ma ilux ŭisk, Sacerdot gharef tal *Ordni tal Minuri*, il Patri Heriberto Holzapfel O.F.M., tal Provincja tal Bavarja, ħareġ ctieb fuk li Storja tal *Ordni Frangiscan*, miġjub bil latin mil Patri Gallo Haselbech O.F.M. u imsejjaħ *Manuale historiae Ordinis Fratrum Minorum* (Friburg. Herder, MCMIX.) Dan il Ctieb kankal qŭistjoni cbira fl'Ordni, ghalhecc il Papa Piju Ghaxra ħaseb li jaghmel, chif tabilħakk ghamel, costituzjonijet oħra ġodda, fejn kâl li l'isem ta MINURI jokghod lill'Ordnijet collha frangiscani li ghandhom m'illum il-kuddiem jiġu officjalment maghrufa bl'isem ta *Ord: Frat: Minorum Conventualium* (il *Conventŭali*), *Ord: Frat. Minorum ab Unione Leoniana* (daŭc li chienu *Osservanti*) u *Ord: Frat: Minorum Cappuccinorum* (il *Capuccini*); jigifieri l'isem ta MINURI comuni ghat-tlieta. (Akraŭ fuk dan il *Malta* tat-23 ta Settembru 1910).

Mela, immur ghal dac li ġaghalni nicteb daŭn it-tifchiriet, *Ordni tal Osservanti* illum ma jinsabx, imma jinsabu it-tlieta li minnhom tchellem il Papa Piju Ghaxra fil Costituzjonijet tieghu.

Daŭc collha li jitħajjru jitghallmu seŭŭa li Storja glorjusa tal universali *Ordni Frangiscan* jakraŭ *l'Annali ta Luca Waddingo*, il *Cronaca ta Marco ta Lisbona*, li *Storia serafica* tal Gonzaga, li *Storia Minoritica* tal Patri Antonio Benoffi, li *Storia* tal Venerabbli Antonju Lucci, Iskof ta Bovino, il ctieb imsejjaħ *Dei Frati Minori e delle loro denominazioni* tal Patri Luigi Palomes, il *Manuale Historiae Ord: Frat: Minorum* tal Patri H. Holzapfel u oħrajn.

Fuk it-Tieni Ordni tas-Sorijet, imsejjħin *Clarisse*, u fuk it-Terz'Ordni, li chellhom ucoll diversi frieghi, ma nitchellimx.

E. ASCIAK-MIFSUD, P.L.

(*) It-taksim tal *Ordnijet Frangiscani*, chif chienu kabel l'*Unjoni Leonjana*, tistghu issibuħ imfisser bil Malti iżjed fit-tûl minn haŭn, jecc takraŭ il *Ctieb żghir ghall'idejn it-Terzjari*, li ħriġna aħna stess fis-sena 1889.

ID-DIREZZJONI.

## Draûûiet taghna.

### IL FIGOLLI TAL GHID.

Id-draŭŭa li in-nies tiecol u tati il figolli u il kassatât,ħabta tal Ghid,ilha f'pajjiżna minn żmien Żemżem, bħalma tiltaka' maghħa ucoll f'bosta ibliet u rħula tal Italja.

It-tfâl tal krâba, tal ħbieb u tal girien, tarahom iħarsu lejc b'ħerka u ħniena, f'daŭc il ġranet tal Ghid, bħallichiecu iridu ighidulec biex tixtrilhom *figolla*.

Ma cullimchien, iżda l'actar fl'ibliet, tilmaħ imdendlin fil ħŭienet daŭn il *figolli*, ghamla ta torc, ta mara, ta ajcla, ta żiemel, ta stilla, ta geŭlak, u imżejjnin b'ħafna żmontor u tiżŭik ta cull leŭn.

Imchien ma nsibu bil mictub li il *figolli* tal Ghid ghandhom x'jaksmu ma xi simblu tal eŭlenin insara. Ghaliex, mela, fil Ghid jaghmlu il *figolli*, bħalma seŭ-seŭ fil Milied jaghmlu il caghac tal ghasel?

Isimghu chif u mnejn gejja din id-draŭŭa.

In-nies ta ilu-ilu chien dherilhom u ŭeblilhom geŭŭa moħħom li ghandhom jatu gieħ lill'Astarti(1) b'daŭn il *figolli*; u din il kima chienu irodduha f'april (ix-xahar miżmum u moghti b'ghożża cbira lill'Afroditi), xahar li fiħ actarx dejjem jaħbat il Ghid.

Mita il Persjani jaghmlu cull sena il ghors taghhom lix-xemx (f'Marzu), daŭn imdorrijin jibaghtu lil xulxin fid-djar, bħala rahan ta kima u ħbiberija, bxiechel bil bajd imżeŭŭkin ħomor, sofor, ħodor, leŭn il ŭarda u x'naf jien.

Id-draŭŭa ta bosta ġnus chienet li ghall ħâbta tal Ghid jibaghtu lill ħbieb bxiechel u żniegel bil bajd; u dîn id-draŭŭa tfisser li cull-ma jinsab f'ŭiċċ l'art jixxittel, iraħħas u jiġġedded f'dan iż-żmien seŭ-seŭ tar-rebbiegha, fejn collox irid icun itir bil ġmiel.

HUTCHINSON, fil ctieb tieghu msejjaħ *Storia ta Northumberland*, ighid li in-nies tal Egittu, il *figolli* chienu ighożżuhom u iżommuhom bħala xbiha mkaddsa li tfaccarhom fin-nisel il ġdid tal bnedmin ŭara li Alla l'imbierec chien gharrak id-dinja taħt l'ilma.

Il Lhud li jokoghdu ŭisk fuk id-draŭŭiêt ta li Storja antica taghhom, cull mita chienu jaghmlu it-tifchira ghażiża tal ħarġa taghhom mill'Egittu ghall'art lilhom imŭeghda, mal Ħaruf tal Ghid li chienu jieclu, chien icollhom minsuba ucoll fuk li mŭejjed taghhom, tghamîra bajd.

Ghandu icun li l'Insara bdeŭ il bajd iżeŭŭkuħ fil ġranet ghezież tal Ghid, biex juru il ferħ mkaddes ta kalbhom, ŭara li ir-Randan collu icunu ghaddeŭħ fis-saŭm kalil li dâri chienu isumu.

Insibu mictub ucoll li il Lhud, fil festa ta Niżan (il Ghid il cbir taghhom) il mejda tal ichel, fost ħŭejjeġ oħra, chienu iżejjnuha b'żeŭġ figolli daħsiex, tal ghagin bla mitluħ, mdaŭŭrin u micsijin bil bajd mgholli jiebes.

Ŭieħed chittieb ingliż, HYDE, fl'*Oriental Sports*, ighidilna hecc: «L'insara jixtru côtra cbira ta bajd fil Ghid u iżeŭŭkuħ leŭn aħmar, b'tifchira tad-Demm li Cristu Sidna xerred fil Meŭt li ħâ ghalina fuk is-Salib.»

Il Cnisja, il bajd iżżommu u tkisu bħala xbiha tal Kaŭma mill' imŭiet: u dan nafuħ mir-Ritual. (2)

DUN GIUŻEPP FARRUGIA,
*Cappillan.*

(1) Astarti u Afroditi, allât foloż, imsemmijin fil Mitologija, u imŭeġġħin ŭisk mil pagani u mil Fenici bħala żeuġ allât ghall côtra fin-nisel.

(2) SIGNORIELLO: *Benedizione delle uova*, faċċata 447.

## Ma dûar il Gżira.

Lill ħabib (F. V.), li chitbilna miż-Żejtun, irridu nfissru li xejn ma icun jisŭa it-tifħir li irid jaghmel lis-Sur James L. Bonnici ta Montreal (Cànada) u ix-xhieda li irid iroddlu li malli talbu x'informazzjonijet chien pront tahomlu, la darba hu ma iridx jaghmel ismu fl'ittra: aħna is-Sur Bonnici faħħarnieħ actar minn darba fil *Habib* u ghedna fit-tûl chemm hu ta kalb tajjba u li ma jixtiekx ħlief il gid tal Maltin ħutu: nistghu inżidu ucoll li daŭn il ġranet ŭaslitilna ittra tŭila tieghu, fejn ifaħħar ŭisk il *Habib* u lilna—u jecc ma ngibuhiex haŭn icun imħabba dan u imħabba it-tûl taħħa. Iżda ma nistghux nifhmu chif ŭieħed ghandu isibha tkila li jiffirma ittra, mita ma icunx fiha ħlief ħŭejjeġ xierka. Cull-ħadd: *Jecc jogh-*

*ġboc, taghmelx ismi—basta taf int min jena*! Le: mhux dejjem hu biż-żejjed. F'dan il cas tal ħabib F. V., li tâna ismu sħiħ f'ittra barranija, fiha u ma fihiex: fiha biss ghax tnakkas ħafna mis-saħħa tat-tifħira li irid jaghmel; imma, chif naraŭ b'ghajnejna, min jitfa il gebla u jaħbi idu actarx icollu il ghomma tieghu — u ma ighoddx ghalina. Min ghandu il ŭidnejn biex jisma, jismaghna.

—Ħabib ieħor, mil Belt (is-Sur A. M.), ghemgmilna ħafna fuk li ŭieħed miċ-Cinematografi ma ghalakx inkas nhar il Gimgha il Cbira, mita saħansitra il Protestanti jaghmlu il vîstu. U ghandu raġun ħafna: anzi, nistghu nghidu li smajna bosta oħrajn jitcażaŭ b'dic il biċċa. Dan ghaliex? M'aħniex ilcoll insara? U chiecu biss ŭieħed ma icunx iħobb il gheluk, ma ghandux jirrispetta ix-xeŭkat tal Poplu li ighix mieghu?... Mur gib-ruħec hecc l'Inghilterra! Jeŭ imkàr pajjiż it-Toroc! Frattant, mil Gażetti li iriduha ta cbar u serji ħadd ma tniffes!....

—Ghal ħbieb giet din id-darba, ghax,nizżuħajr ll'Alla, ghal *cull ŭieħed imfantas maghna* ghandna elfejn iħobbuna. Mela, ħabib ieħor (ir-Rev. E. F.) talabna nxandru il ctieb żghir imsemmi *Pio X, il Papa dell'Eucaristia*, li hu stampat l'Italja, iżda jinsab ghall bejħ haŭn Malta, ghand ir-Reverendi Patrijet Agostinjani tal Belt, u ma ikumx ħlief erba' soldi—inkas ħakk ir-ritratt sabiħ tal Papa li fiħ fl'eŭŭel faċċata. L'eŭŭel nett, ghandna nirringrazzjaŭ lil min ghoġbu jibghatilna ŭieħed, ghad li ma nafux min hu, ghax ma ghamilx ismu: imma l'Aŭtur m'hux sgur, ghax, barra milli giena mal Posta ta Malta, min-nies tal Cungress li hemm imsemmijin fl'aħħar tal ctieb jidher li min chitbu ma jafx bîna. Imbaghd, jidhrilna li ghandna nirricmandaŭ ferm dan il ctieb lill karrejja taghna li jafu bit-Taljan, ghax il Patri Agostinu Ruelli, Aŭtur tieghu, gharaf jiġbor fiħ b'ħeġġa cbira cull-ma ghamel Piju Ghaxra ghall kima tas-Sagrament Imkaddes u jisŭa ŭisk ghal daŭn il ġranet ghežież li gejjin fukna. Chif smajna, Patri Ruelli, li hu il Cappillan ta *Santu Ŭistin* ta Siena u Direttur ta gażetta religjusa, ghandu icun haŭn ghall Cungress u aħna natuħ il *merħba biħ* mn'issa. Fl'aħħar, iżda, irridu nghidulu bil kima collha li fil Cumitat tal Cungress, barra minn daŭc li semma, hemm bosta oħrajn li ilhom jaħdmu ghaliħ bi ħrara cbira: insemmu biss il Monsinjur Ferris, li Mħallef Pulicin, il Marchis Mattej, is-Sur Paċ (President tal Borża), il Curunell Manchè, il Commendatur Lanzun (Vici-President tal Cumitat Esecuttiv) u is-Sur Laŭrenz Falzun, li tħâbtu daks min tħabât.

—Ħaġa ta rekka cbira dic li chitbûlna fukha mill'Isla u aħna haŭn biex insemmghu leħinna, ghax il marda dieħla il geŭŭa, ŭisk actar milli jaħseb min donnu irid jaghmilha ta trux: imma irridu il firma seŭŭa, ghax dac il cunjom li ghandna jeŭ ma nafuħx jeŭ m'aħniex nakraŭħ tajjeb.

—Fraħna tas-seŭ mita smajna li il Legat tal Papa, barra mil Pontifical ta *San Ġŭann*, sejjer jaghmel ieħor il Catidral: u dan b'sensja barranija ta Ruma, ghax fil Cungressi il Legat tal Papa ma jaghmilx ħlief Pontifical ŭieħed. Nifirħu b'kalbna collha lir-Reverendissimu Capitlu ta Malta. U tcun, bla dubju xejn, ħaġa nobbli u gŭappa, ghax il Capitlu Djocesan fiħ irjus li jafu iżommu fil ghôli, chif jixrak, l'isem cbir tal Catidral taghna.

—Ilbieraħ tl'ura, il Pjazza tal Belt chienet maħnuka bin-nies, biex jisimghu il banda *The Duke of Edinburgh*, li dehret b'li strumenti u bl'uniformijet il ġodda, collha ta fabrica ŭaħda u tas-seŭ mill'isbaħ u mill'aħjar li ghandna Malta. Cull-min jifhem u jitchellem bla passjoni stkarr li dic il Banda, taħt is-Sur Mast Giumarra, giet il-kuddiem ferm u laħket il cbar nett. Il programm chien mill'itkal: l'aħħar att tal *Otello*, ghażla mit-*Tannhauser* ta Wagner, l'*Inno al sole* ta Mascagni u Sinfonija li saħħret il cull-ħadd tas-Sur Mast Giumarra, li geŭ maklughin collha ghall'aħħar, mhux ghax nghiduħ aħna (li, billi id-Direttur tal *Ħabib* hu il *President-Onurarju* ta dic il Banda, ŭieħed jista isefsef li hu *Cicero pro domo sua*), imma ghax kaluħ Professuri Taljani u Maltin li chienu jisimghu.

—Fis-17 t'april, jibdeŭ jaslu l'Iskfijet: naħsbu li l'eŭŭel ŭieħed li jasal icun Monsinjur Arci-Iskof Schirò, li chien haŭn Malta *Papâs* u ħalla ŭarajħ bosta ħbieb tal kalb. Monsinjur Schirò, hu miżmum Ruma b'ŭieħed mill'akŭa Predicaturi tal Italja u il pulpti taghna jafuħ tajjeb. Merħba biħ dejjem u mit sena ghomor. Fil ġranet tal Cungress jokghod ħal Kormi. S'issa nafu li gejjn 57 Iskof.

—Ma nafux chif nibdeŭ nroddu il ħajr lir-Reverendi Sależjani, li cull darba f'li stedin taħħom jiftacru fîna, chif reġghu ftacru issa ghall festa ta San Patrizju, li saret issibt u il ħadd li ghaddeŭ. Chellna bżonn li jinkala xi ŭieħed biex jictbilna fuk ir-*Reciti* u il *Cuncerti* taħħom, bħalma ghandna il *Verax*, tal ħeġġa u bieżel, ghall' *Unjoni Cattolica*.

—Imħabba in-nukkas tal ŭisa, raġa chellna nħallu barra l'articuli tal Cappillan Pier Battista Agius, tas-Sur Micallef-Goggi, tar-Rev. E.F. u tas-Sur Levanzin (minn Boston).

## L'APPRINTICE FIT-TARŻNA.

Il biċċa il cbira tal missierijet u l'ommijet, specjalment tal Cottonera, jixtieku ŭisk li idaħħlu l'uliedhom it-Tarżna: ma ghandhomx tort! Ghalhecc, jena haŭn irrid nati l'opinjoni tieghi fil *Ħabib*, u forsi, jecc ma jisŭiex gid lil ŭisk, jena cert li jisŭa lil ftit.

Il missier jeŭ l'omm tal familja jaghmlu chemm jistghu biex ighallmu lit-tifel taħħom, l'eŭŭel f'li scola tal gvern u imbghad f'xi scola privata, biex ilaħħak ma l'eżamijet tal *apprendista*. Min jaf xi drabi chemm dic il familja tisforza biex tghallem lit-tifel taħħa, biex icun jista jidħol it-Tarżna; imbaghd, ŭara dan collu, ma nafx x'irid icun biex icollu ix-xorti, (jeŭ biex nghid aħjar id-disgrazzja), li jidħol geŭŭa it-Tarżna bi *printice*, ŭara dac il ħafna taktieħ ta kalb ta eżami difficultus, u forsi minn xi drabi irid icun ucoll xi *kaddis*, biex jibaghtu ghaliħ u jakbad ixxoghol tieghu. Sa haŭn m'hux ħażin żejjed: l'ankas li il giuvni irid assolutament, b'ligi tal Armirall, jibka sitt snin bil fors minghajr ma icun jista iħalli, jigifieri sachemm jieħu il paga ta ragel, ghalhecc dana iddisgrazzjat giuvni, ŭara xi ftit l'icun ħà il paga ta ragel, actarx isib ruħu issensjat!...U x'disgrazzja acbar imbghad, jecc dac icun missier ta familja?!

Dana l'eŭŭel icun moħħu merfuħ fuk il post tieghu, il paga, ma ghandna x'nghidu xejn, tajjba. Iżda, imbghad, chif già ghedna, isib ruħu barra mil post tieghu, u actarx ghal ghomru collu; ghaliex billi cull xi sena jibaghtu ghaliħ u ikabbduħ jaħdem xahar jeŭ tnejn, daca ma tghidlux xoghol; dana meta ma icunux erbgha u ghaxar snin ucoll, li ma jibaghtu ghaliħ xejn. Frattant, dana il bniedem isib ruħu bla xoghol, jibda jara fejn sejjer isib jaħdem; iżda fejn? liema post ighodd ghal dac li icun it-Tarżna? x'iservi li jaf jaghmel bosta ħŭejjeġ? x'iservu daŭc il magni u tant u tant ingenji oħra? fejn imur isib post li ighodd ghaliħ? Imchien!... Ŭisk diffiċli li *apprintice* minn geŭŭa it-Tarżna isib post mal Govern jeŭ mal particular. X'rovina ghal dac il bniedem li isib ruħu issensjat, ŭara xi tmien snin li icun ilu geŭŭa it-Tarżna? Dana il povru bniedem, katt ma chien jistenna din il bxara; minn ghaliħ sejjer jibka hemm ghomru collu, bħalma chien iż-żmien ta dari.

Intant, fl'aħħar, icollu ta bil fors, ghax jispiċċau li speranzi collha, bħal bniedem esiljat ifittex biex isiefer boghod minn pajjiżu, boghod minn martu u minn uliedu, u il familja, u il ħbieb collha, biex jipprovdî il ghajxien tal familja. Dana collu ghax il genituri ma fetħulux ghajnejħ, jeŭ ghax ma giethomx f'moħħom, jeŭ ghax jaħsbu li l'*apprendista* ma jeħdu sensja katt.

Ghaldakstant, jen haŭn, miċ-ċocon tieghi, urejt il ħsara cbira li isib ruħu fiha l'*apprintice* meta jatuħ is-sensja; ghalhecc icunu jafu il genituri, li illum it-Tarżna ma ghadhiex bħalma chienet kabel, tidħol u iddum hemm ghomroc collu: illum actarx li meta ŭieħed jeħu il paga ta ragel, isib ruħu barra mil post, u jibka bħal erbgha fost il gimgha, ghaliex la mis-sengha l'icollu u ankas mil li scola ma icun capaci biż-żejjed biex jakla x'jiecol minn barra.

Mela, jecc l'Armirall ma jaghmilx tajjeb biex l'*apprendisti* jokoghdu sachemm jieħdu il piazza jeŭ is-somma, ma ghandhomx il genituri iŭebblu l'uliedhom ghall'*apprendista*, gà la darba m'huma iccalculati xejn bħalma chienu kabel; ghax niggarantilhom li aħjar ikabbduhom jaghmlu l'ghar ħidma, inchella idaħħluhom b'*apprendista* it-Tarżna.

Ernesto Tonna.

## Ma dûar id-dinja.

*Greċja*—Ir-Re ġdid Costantinu, ŭara li flimchien mar-Regina ħa il gjurament f'Atene, kuddiem il Camra, telak ghall Salonicc.

Il gisem tal maktul Re Giorġ giè f'Salonicc espost kalb curuni tal isbaħ fjuri, u imdaŭŭar bi *Guardia d'onore* ta Prinċpijet u Ufficjali.—Il Poplu collu ghadda imbicchi minn kuddiemu fost l'icbar schiet. Hu kieghed taħt bandiera maghmula tinda, sabiex jitfisser li miet fil gŭerra. Li stess lhud u musulmani żaruħ bil kima ghax chien maħbub minn cull-ħadd. Ŭara jumejn ghaddeŭħ mill'aħjar trekat u ħaduħ fuk il vapur reali *Amphritide*, accompanjat mil familja reali, sa Atene: iżda ghaċ-ċpar cbir chellhom jokoghdu f'Shiathos. Il vapur ŭasal Atene nhar il ħamis, fejn ghandhom jinġabru il Prinċpijet li jidhru ghar-Rejjet tan-Nazzjonijet l'oħra—il funerali isiru fit-2 ta April.

*Gŭerra*—Fl'aħħar tmien ti jem, it-Toroc tilfu bil bosta.—Djavid Paxà bi ħmistax l'elf ruħ ŭaka f'idejn is-Serbi, l'Albanija—Adrjanopoli bil kaŭŭija fortizzi taħħa ŭakghet taħt il General Ivanoff, iżda ŭara li it-Toroc taŭ in-nar lill proviżjonijet u lid-depositi tat-Tarżna u tal Artellerji, chif ucoll lill barracchi u lil li Sptar: il belt collha ħuġġieġa ŭaħda. Il Bulgari ħadu Ċatalgja u checceŭ it-Toroc sa Karusu.

*Nova York* (America)—Ħsara liema bħalha ġrat f'li Stati ta Middelwest, fakkghet diga u l'ilma gira b'saħħa tant cbira li ŭakka djar u cull-ma sâb kuddiemu— u gharrak bliet sħaħ, specjalment Chio u Indiana.—Il mejjtin ma jinghaddux, ghax huma eluf, chif ucoll il feruti.

*Inghilterra*—Il Marixxall Lord Wolseley miet f'Montona.—Ir-Re ordna ghall funerali tieghu l'unuri militari collha possibbli — 6000 suldat jieħdu parti u il cutra tieghu tigi miżmuma mil Marixxalli l'oħra.

*Tripli*—Il General Ragni, imxabba misserk u l'attacchi tan-nies ta El Barrani, ordna li jiġu mcheċċijin mil postijet taħħom.—Il Gharab tilfu 220 ruħ barra mil feriti, mentri it-Taljani chellhom biss 24 mejjet u 113 feruti.

*Ottaŭa*—Id-Duca u id-Duchissa ta Connaught telku ghall'Inghilterra, imsellmin mil Membri tal Cunsill u mill'Aŭtorità Militari.

*Ruma*—Il Papa ghadda tajjeb: nhar l'erbgha li ghaddeŭ bida ikaddes u karben il Cbarat u il Kaddejja ta ma dŭaru ghall Precett. Miet il Cardinal Respighi, Vigarju tal Papa, li chien migjub fuk l'idejn minn cull-ħadd ghat-tieba tieghu. Ighidu li il Cardinal Datarju jinsab ħażin ŭisk.

L. M. C. G.

## Hemm Gesù!

*....ubi sunt duo, vel tres congregati in nomine meo, ibi sum in medio eorum.*
(S. MATT: XVIII, 20.)

*Fejn icun hemm tnejn jeŭ tlieta miġburin fl'isem tieghi, incun hemm jen f'nofshom.*

Donnu li Spirtu-t'Alla
kankalni m'ilux ŭisk,
nidħol ġo dar li fiha
chien hemm cull hena u riżk;
ghaliex fl'isem ta' Cristu
hemmecc chienu mdorrija
jingemghu ghalenija
ghadd cbir ta' ġuvintur.

Chif l'eŭŭel pass riġlejja
meddejt, biex nitla' it-taraġ,
ħassejt ghokla fi ġrieżmi,
u f-kalbi ħassejt faraġ;
ħassejt bħal meta ŭieħed
f-xi camra jidħol sħuna,
bla jara nar, jinduna
u jħoss li nar hemm sgur!

U malli stajt nitchellem
nistaksi mort dicment:—
Jinsab f'did-dar imbierca
Gesù fis-Sagrament?
U, bla-ma' naf min ŭiegeb,
smait *le* tolkot f'ŭidnejja!
Mistaghġeb ghedt:—Chif ħdejja
lil Cristu krib ħassejt!!

Mhux le bl'ghajnejn tal gisem,
bl'ghajnejn iżda tal fidi,
rajt tiddi 'l paci, ix-xbiħa
ta' Cristu Gesù sidi!
Id-dmugh kabeż mn-ghajnejja
u kalbi ntliet bil ħleŭŭa...
tchebbist bi cbira ħeŭŭa (1)
u b'-kima ucoll intlejt!

X-in hu f'kalbi da'l hena,
da'n-nar, da'l ferħ, di'l kima?!
'Ma dlonc f'ta' Gesù-Cristu
ftacart jen di't-taghlima:
«Fejn hemma tnejn jeŭ tlieta
miġbura fl-Isem tieghi,
seŭ chif mas-sigra il frieghi,
hemm f'nofshom ninsab JEN.»

RICARD MIFSUD-BONNICI.

## Minn haûn u minn hinn.

** Id-dinja taghmel żeŭġ movimenti. Ŭieħed imsejjaħ rotazjoni (tidŭir fuk fus immaginarju, li it-truf tieghu huma il *Polo Nord* u il *Polo Sud*), l'ieħor rivoluzjoni (mixi ma dŭar pont jeŭ centru, li hu ix-xemx). Ir-rotazjoni tatina id-daŭl u ix-xemx ma dħul ta 24 siegha; ir-rivoluzjoni tatina is-sena.

** Meta il Concordat (*Ftehim*) ta Franza, bejn il Cnisja u il Gvern, chien ghadu jeżisti, geŭŭa Parigi chien hemm 77 Cnisja. Mindu saret il firda, il parroċċi chibru disgha oħra. Il gażetti *Lanterne* u *Liberté*, li ma huma xejn Cattolici, stkarreŭ li il cnejjes geŭŭa Parigi huma mghammrin b'ghadd cbir ta poplu.

** Il gemgha ghall familja ta Captan Scott u l'oħrajn ŭaslet 42 elf lira.

** Xi uħud mil Protestanti ighidu li huma Cattolici ucoll. Kassis Anglican kâl lil sinjura xiħa cattolica biex tmur il cnisja tieghu, ghax taħħa chienet il-boghod. Kalilha: «Il Cnisja taghna hi fergha tal Cnisja Cattolica.» Ŭiegbitu: Ma ġara xejn; jen irrid inżomm maz-zocc.

** Id-Duca ta Norfolk, cattolicu, chellu jimxi ġurnata ta mal-temp cbir biex imur *Cuncert*, ghax il carrozza tieghu taha lill ŭaħda mara mghobbija b'sorra. Id-Duca ta Norfolk icun haŭn Malta ghall Cungress: hu l'akŭa Nobbli tal Inghilterra, ŭara il Familja tar-Re.

** Jecc tibża ghat-tifel tieghec: Tatiħx flus geŭŭa butu. Tħalliħx jaghżel il ħbieb tieghu. Tatiħx iċ-ċavetta biex jigi x'ħin irid. Tibżax issaksiħ fejn mar u ma min ghamilha. Fissirlu li il manieri tajjba m'humiex biex ipattu ghall *moralità*, u li ghal cull ghajnuna li jaghmel lill proxxmu ghad jitħallas.

** Il kassis, protestant anglican, John Cooper, ghadu chemm miet ta disghin sena. Tliet ti jem kabel ma miet stkarr li irid jidħol fil Cnisja Cattolica. Tliet sieghat kabel ma miet, giè mghammed fil Cnisja taghna mir-Reverendu Father Gave, O.S.C., u ħalla carti mictuba biex jiġu imxerrdin fuk il conversjoni tieghu.

** Fi Franza, ftit snin ilu, ghamlu balluttazzjoni per mezz tal gażetti fuk min chien l'acbar bniedem fis-seculu 19. Pasteur, tabib gharef cattolicu, (dac li chixef chif jiccuraŭ il marda tar-Râbja) ghadda lil Napuljun Bonaparti b'mitejn elf vôt.

** Persuna li m'hix Cattolica kalet lill'editur tal *Canadian Register and Extension*: Nammetti li intom il Cattolici ghandcom cull ma jista icollha ir-Religjon, imma aħna insibu ruħna mdorrijin b'ghamil fieraħ fil cnejjes taghna, li ma nistghux nissoctaŭ nemmnuhom u inkas ma nistghu naccettaŭ taghcom. Natu collox ghar-Religjon taghcom, li m'hix lilna moghtija.

** Li Stampa chienet imdaħħla geŭŭa Franza mil kassisin cattolici fis-sena 1469. Il librerija *Reali* chienet fundata minnhom ucoll, li fetħu ghall poplu l'eŭŭel libreriji.

** Is-suldati Serbi, ghal-chemm huma sciżmatici, samu ir-randan bl'akŭa scruplu, ghalavolja daŭc li huma mixħutin f'li sptar feruti (fil güerra).

** Bejn erbgha u ghoxrin li tchellmu fl'Università tal Ġappun, kuddiem l'Imperatur il mejjet, il premju ħâdu ŭieħed li ghamel id-Discors tieghu fuk *il filosofija ta Santu Ŭistin* fil ctieb DE CIVITATE DEI (*Il Belt t'Alla*.)

** Londra kieghda fuk ix-xmara Tamigi, Parigi fuk is-Senna, Berlin fuk li Spree, Vienna fuk id-Danubju, Lisbona fuk it-Tagus, Madrid fuk il Manzanares (fergha tax-xmara Tagus), Belgradu ħdejn ix-xmara Sava (li tinghakad ucoll mad-Danubju), Berna fuk ix-xmara Aar, Pietroburgu fuk in-Neva, Ruma fuk it-Tevere, Cristianija fuk il golf Shager Bach.

** Provi li id-dinja hi tonda:—

1. Mil Barracca t'isfel, tara vapur ħiereġ: l'eŭŭel ħaġa li tghib minnu hi iż-żakk, invell mat-tmun, u imbghad iċ-ċumnija, u imbghad l'arbli; titla il Barracca ta fuk, tara id-duħħan u il vapur ma icunx jidher actar;

2. Vapuri li jitilku minn Malta ghall Ġappun min-naħa ta Sŭez, ighaddu l'America u jarġghu jiġu Malta min-naħa ta Gibilterra;

3. Id-dell tad-dinja fuk il kamar mita tiġri xi ecclissi jidher dejjem tond;

4. Ix-xemx titla f'ħinijet differenti, f'postijet differenti; chiecu id-dinja chienet ċatta, ix-xemx chienet tidher minn cull-imchien f'li stess ħin;

5. Ix-xemx, il kamar u il pjaneti huma tondi: mela, la darba id-dinja tigi iccunsidrata bħala pjaneta, hi tonda.

A. A.

## Fit-Teatrin tal Unjoni Cattolica.

### «Omm Sventurata.»

Ħadd il Ghid, bedghu minn ġdid f'dan it-Teatrin ir-reciti teatrali ghall'istruzzjoni tal Poplu u id-Dramm sabiħ li sar chien «*Omm Sventurata*,» b'ħames Atti, miġjub bil Malti minn Calcidon Borġ. Nies chien hemm sabiħ ghall'eŭŭel darba, iżda nisperaŭ li il kuddiem icun hemm dejjem iżjed, chif chien jimmerita li icollu dac id-Dramm verament sabiħ u ŭieħed minn daŭc li jitchellem mal kalb.

L'Atturi chienu collha tajjbin u taŭ gost ħafna, daks chemm gharfu iżommu tajjeb il carattru delicat taħħom.

Nghidu isimhom b'tifħir ghaliex jimmeritaŭ. Chienu: Is-Sur Argento, *Alfredu*; is-Sur Cumbo, *Emilja*; is-Sur Camilleri, *Robertu*; is-Sur A. Borġ, *Marija*; is-Sur L. Scicluna, *Edŭardu*; u is-Sur G. Dimech, *Pietru*.

Inżidu applaŭs aħna ucoll ma daŭc illi il pubblicu ta' lill'Atturi, specjalment fix-xeni delicati tar-raba u il ħames Att.

VERAX.

Mil LUCERNA TAL ĦAJJA.—51. Gesù Cristu ighoddu maghmul lilu in-nifsu il gid u id-deni li naghmlu lil ghajrna.

Itolbu lill ħanin Alla il mistrieħ ta dejjem ghar-rŭieħ tajjba ta:

CICCU CARDONA LL.D.,

li miet haŭn il Belt, daŭn il ġranet, ŭara mar-da kasira u chiefra. Chien Avucat: iżda minn dejjem ħabb actar il Cummerċ. Bħala Patrijot, chien ŭieħed mil ftit li nistghu nghidulhom bla tebgha: u tala actar minn darba Cunsilier tal Poplu. Fuk collox, imbaghd, chien miġbud ŭisk ghall Cnisja, chien missier esemplari u ħabib ta kalbu f'fommu.

GIUSEPPI APAP,

li miet tas-Sliema, nhar Sibt-il-Ghid, ta 52 sena, b'marda kalila, iżda mfarraġ bil ghodda collha t'Alla. Chien ragel mill'aħjar u katt ma ntilef ŭara il frugha tad-dinja.

GENOVEFFA DE MULDER,

li mietet haŭn il Belt, fis-26 ta marzu, ta 22 sena, ŭara li giebet fid-dinja l'eŭŭel tarbija, imsejcna ltima ta ftit ġranet. Żeŭġha, is-Sur Edgard—american—ghandu raġun jibchiha bħal biċċa minn kalbu, ghax is-Sinjura Vefa, barra milli chienet ŭaħda mill'actar il-kuddiem f'li scola tal ilsna u tal mużica, chellha maghkudin fiha l'imħabba t'Alla u l'imgiba tajjba. Chienet bint il ħabib taghna Manŭel Calleja, ghadu gej mill'America biex icun il parrin ta dic it-tarbija.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

### Mistoksija.

Chif tkassmu disa' numri, biex, minn fuk u minn taħt, mil lemin u mix-xellug, u saħansitra imkieghdin bħal salib ta Sant'Andrija, igibu dejjem ħmistax?....

DŬARDU GRIMA.

It-tifsira tat-*Tiftixa sabiħa* chienet:

9 8 7 6 5 4 3 2 1 = 45
1 2 3 4 5 6 7 8 9 = 45
8 6 4 1 9 7 5 3 2 = 45

Giebuha tajjeb: mil Belt, is-Sinjuri S. Sammut, *Bunfus* u Carmelu Tanti; u minn Ghaŭdex (*San-Laŭrenz*) is-Sur Dŭardu Grima. Ftit!

(1.) Mħabba.